MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1072/2004

**Michael Vella u martu Mary Carmen Vella**

**vs**

**Raymond Scerri u Wafaa Muscat Es Samlaly**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2004 fejn intqal:**
**Illi peress, fid-29 ta' Jannar 2004, ghall-habta tas-2.40 p.m. f'St. Luke's Street, San Pawl il-Bahar, waqt li l-konvenut Raymond Scerri kien qed isuq vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HMY-180 u l-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly kienet qed issuq vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ABL 604, iz-zewg konvenuti kienu nvoluti f'incident stradali ii bhala rizultat tieghu l-vettura HMY-180 baqghet diehla fil-faccata tal-fond Miklin Flats, St.**

**Luke's Street, San Pawl il-Bahar, propjeta' ta' l-atturl, u kkagunat diversi hsarat, kif jirrizulta mid-Dokumenti A u B annessi mal-avviz.**
**Illi l-istess incident gara unikament tort tal-konvenuti, jew min minnhom, li kienu qed isuqu l-vetturi taghhom bi traskuragni, imperizja, negilgenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Illi skond stima maghmula fuq inkarigu ta' l-atturi mill-Pent Ray J. Vella (Dok A) l-ispejjez ta' "works including labour, material and all relative taxes" biex tissewwa l-hsara fil-fond ta' l-atturi Miklin Flats, St. Luke's Street, San Pawl il-Bahar, jammontaw ghal Lm1112.00 (elf, mija u tnax-il lira Maltija).**
**Illi ghalkemm interpellati permezz ta' ittra legali tas-16 ta' Frar (Dok C) biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom ikkagunati lill-atturi fl-imsemmi incident stradali, il-konvenuti baqghu nadempjenti.**
**Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf mija u tnax-il lira Maltija (Lm1112), kif fuq spjegat, oltre l-interessi legali fuq l-istess ammont, mid-data tal-prezentata ta' din it-talba sad-data ta' l-effettiv pagament, u l-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-16 ta' Frar 2004.**
**B'riserva ghal spejjez ohra li jistghu jirrizultaw necessarji waqt li jkun qed isir ix-xoghol ta' tiswija fuq il-fond ta l-atturi.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Raymond Scerri prezentata fl-10 ta' Gunju, 2004, fejn intqal illi:**
**i. L-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-konvenuta l-ohra Wafaa Muscat Es Samlaly xufier tal-vettura numru ABL-604;**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx Danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi Kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-Ligi;**
**iii. inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghal hlas ta' Danni favur l-attur;**

**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u l-ispejjez kontra l-atturi u l-konvenuta Wafaa Muscat EsSamlaly jew min minnhom.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Vella, Claudine Abela, PS667 Edgar Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fl-14 ta' Dicembru, 2004 fil-konfront tal-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed ssir ghad-danni subiti mill-atturi bhala rizultat ta' incident li sehh fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar 2004, f'St.Luke's Road, San Pawl il-Bahar meta, b'rizultat ta' kollizjoni bejn il-vettura HMY180 misjuqa mill-konvenut Scerri u il-vettura Fiat Punto numru ABL604 misjuqa minn Muscat, il-vettura tal-konvenut Scerri baqghat diehla fil-faccata tal-fond ta' l-atturi u ikkagunatilhom id-danni strutturali kif certifikat mill-Perit Ray Vella, Dok.A tal-process.**

**2. ghalhekk il-punt li jrid jigi stabbilit huwa min kien jahti ghall-kollizjoni u jekk il-konvenut Scerri spiccax fil-bini ta' l-atturi bhala rizultat dirett ta' din il-kollizjoni.**

**3. mill-Road Accident Report esebit a fol 43 tal-process Dok. MV8, Scerri kien qed isuq fit-triq San Aristarkus u kif wasal hdejn il-kantuniera ma triq San Luqa, il-karozza tal-konvenuta Muscat harget min dik it-triq minghajr ma waqfet fuq l-istop sign bil-kosegwenza illi sehhet il-kollizjoni. Bazikament Muscat tikkonferma din il-verzjoni.**

**4. il-konvenut Scerri meta xehed ikkonferma illi hu kien ghaddej fil-main road u kien qed jsuq minivan bit-tfal. meta wasal hdejn triq San Luqa harget karozza minn fuq l-istop sign li jidher fl-iskizz esebit a fol 48 tal-process. Ma jirrizultax illi il-konvenuta Muscat b'xi mod waqfet qabel ma harget u l-konvenuta Muscat laqtet lill-konvenut Scerri fuq ir-rota ta' quddiem tan-naha tax-xellug, bil-konsegwenza**

**illi tefghet lill-istess konvenut Scerri ghal gol-bini ta' l-atturi.**

**5. Apparti dana t-Tribunal qed jiehu konjizzjoni ukoll tal-kapitolu prezentat mill-attur fl-erbatax ta' Dicembru 2004 fil-konfront tal-konvenuta Waffaa Muscat Es Samlaly. Jikkunsidra l-fatt illi dina ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u anke ghal din ir-raguni d-domandi ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**6. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghad-danni subiti mill-atturi ghandha tirrispondi unikament il-konvenuta Waffaa Muscat Es Samlaly.**

**7. Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati fl-ammont msemmi fir-rapport redatt mill-Perit.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenuta Waffaa Muscat Es Samlaly, filwaqt illi ma jsir ebda tort fil-konvenut Raymond Scerri u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta Waffaa Muscat Es Samlaly thallas lill-atturi s-somma ta' elf, mija u tnax il-lira (LM1112) bl-imghaxijiet legali mill-ghoxrin ta' Mejju 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez kollha ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta Waffaa Muscat Es Samlaly.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------